**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT165/19/B

Carmel U Marthese Ciappara

Vs

SMS Mondial Limited

Illum, 7 ta' Mejju, 2021

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fil-21 ta' Novembru, 2019 li permezz tieghu ir-rikorrenti talbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundannaw lis-socjeta' intimata hallsu s-somma ta' elfejn u hames mitt Euro (€ 2500) u dan wara li l-gabina fuq il-Vapur Meinschiff Hertz Cruise ma kienetx tal-livell mistenni stante l-istorbji li Kienu qed jinstemghu

Ra illi l-intimati wiegbu permess ta' risposta datata 04 ta' Dicembru 2019 fejn rrispingew t-talba maghmula mir-rikorrenti primarjament peress li t-Tribunal ma kienx kompeteti jisma' l-kaz peress li l-partijiet ftehmu li kompetenza kienet tal-Qrati Maltin u fil-mertu s-socjeta' intimata cahdet li l-hsejjes fil- gabina kienu eccessivi

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi l-każ jitratta dwar ħsejjes eċċessivi ġewwa kabina bin-numru 9178 ġewwa l-vapur Meinschiff Herz. Illi r-rikorrenti Carmel Ciappara xehed quddiem it-Tribunal fejn spjega illi huwa kien ibbukja cruise għal familja fuq l-vapur u dan tramite Orange Group. Illi r-rikorrenti spjega lit-tribunal illi fil-kabina kien hemm diversi ħsejjes li baqaw persistenti matul il-vjaġġ kollhu u dawn il-ħsejjes kienu ġejjin mil-kamra ta maġenb il-kabina u kienu jibqaw anke matul l-lejl. Ir-rikorrenti spjega illi huwa kien għamel complaint mat-tour leader kif ukoll mar-reception tal-vapur fejn kienu infurmawħ illi dan l-istess complaint

kellhu jitressaq għand l-intimati. Illi għal dan l-ghan huwa qed jitlob is-somma ta' elfejn u ħames mitt ewro li hija parti mil-prezz mħallas għal istess btala.

Illi l-intimati min naħa tagħhom ċaħdu ir-responsabilta tagħhom. Illi xehedet bil-ġurament Lilian Spiteri li kienet it-tour leader fuq l-istess vapur fejn kienet infurmat l-ilment li kien għamel ir-rikorrenti rigward il-ħsejjes. Hija tgħid illi meta hija kienet marret l-ewwel darba fil-kabina innutat illi id-dar tal-kabina kien imiss ma store room tal-vapur. Hija xehdet li kienu ftehmu li terga tgħaddi matul il-lejl fejn kienu anke daħħlu fl-istore room biswit il-kabina fejn hemmhekk l-istess xhud kienet anke innutat li kien extract fan. Hija tispjega illi sabiex daħlu fl-istess store room hija kellha titlob il-permess min għand il-Head Supervisor. Illi minħabba dan l-ilment hija kienet ivverifikat mar-reception tal-vapur jekk kien possibli li r-rikorrenti jingħataw kabina oħra ma dan kollhu il-vapur kien mimli. Ix-xhud spjegat ukoll li kienet kellmet għal darba oħra lil Head Supervisor li kien infurmaħha lil kien ser jieħu azzjoni sabiex jitnaqqsu il-ħsejjes tant illi x-xhud spjegat illi r-rikorrenti kienu ikkonfermaw li l-ħsejjes naqsu pero xorta waħda kien hemm ħsejjes li kienu qed idejquhom.

Illi x-xhud spjegat ukoll illi hija kienet tour leader f'dan il-vapur għal xi ħames darbiet u meta iccekjat mal-intimati jekk kellhomx xi darba ilment dwar din il-kabina hija ġiet infurmata li ma kellhomx.

Illi xehed ukoll Alfred Capello li spjega illi huwa kien irċieva l-ilment min għand ir-rikorrenti (ara Dok AC1)liema ilment huwa kien għaddieħ immedjatament lil TUI Cruises fejn kienu infurmawħ illi il-ħsejjes kien kumparabbli ma vupur li qed isalpa u li setaw biss jitnaqqsu imma mhux jitwaqqfu. Huwa reġa ikkonferma illi qatt ma kellhom ilment dwar din il-kabina.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jinnota illi fil waqt li l-partijiet jaqblu illi effettivament fil-kabina numru 9178 waqt il-vjaġġ fl-istess vapur kien hemm numru ta ħsejjes il-partijiet mhux qed jaqblu dwar min hu responsabli għal dan l-incident. Illi min naħa tar-rikorrenti huma jishqu illi gia la darba huma ibbukjaw mal-intimati il-vjaġġ tagġhom, għanda tkun is-socjeta intimata responsabbli għal fatt illi huma ma gawdewx il-btala minħabba tali ħsejjes. Illi filfatt ir-rijkorrenti spjega dettaljatament numri ta fatturi li wasslu għal ilment fosthom hsejjes ta trolleys, ta' ħaddiem fl-istess store room fost ħsejjes oħra preo l-istess Tribunal ma jistax ma jinnutax illi l-ilment ;li r-rikorrenti ressaq ħew indirizzati mis-socjeta' intimata minkejja mhux bl-eżitu illi r-rikorrenti kien qed jistenna. Illi jirriżulta mil-provi kif ukoll konfermat mil-partijiet illi Lilian Spiteri li kienet it-tour leader fuq dan il-vapur tal-istess vjaġġ resqet l-ilment tar-rikorrenti mad-diriġenti tal-vapur tant illi a) il-partijiet spezzjonaw anke l-istess store room sabiex jaraw il-kawżali tal-ħsejjes u b) talbet lid-dirigenza tal-vapur għal

kabina alternattiva u c) tkellemt mal-Head Supervisor sabiex inaqqsu l-ħsejjes (liema ħsejjes jidher li naqqsu pero ma tneġġewx).

Illi it-Tribunal jinnota ukoll li Alfred Capello prova ukoll jassiti lir-rikorrenti billi għadda l-ilment tagħhom (Ara Doc AC1) lis-socjeta' TUI Cruises responsabbli mil-istess vapur (ara Dok AC2).

Illi t-Tribunal filwaqt li ma jistax jaċċetta bħala difiża valida il-fatt t nuqqas ta lmenti fir-rigward ta tali kamra f'vjaġġi passati u dan stante li gie accetat ukoll min Lilian Spiteri illi dan il-ħsejjes kienu qed isiru pero is-socjeta' intimata ma għandiex tinżamm responsabli għan nuqqasijiet tad-diriġenza tal-vapur ossia TUI Cruises li kif diġa ġie spjegat is-socjeta' intimata għamlet min dak li kien possibli għalija sabiex tassisti lir-rikorrenti pero l-ippjanar tal-infrastruttura tal-vapur, il-fatt li l-vapur kien mimli u għalhekk ma kienx hemm kabina alternattiva ma humiex fatti li għanda twieġeb għalihom is-socjeta intimata iżda għanda twiegeb għalihom is-socjeta TUI Cruises. Għalhekk fic-cirkustanzi, it-Tribunal iqis illi t-talba tar-rikorrenti għanda tiġi miċħuda u dan stante illi t-talba tar-rikorrenti għanda tiġi indirizzata lis-socjeta responsabbli mil-vapur u mhux mil-intimati.

## DECIDE

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jiċħad t-talba tar-rikorrenti u jjilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata.

Kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha.

Avv. Paul Borg
Arbitru